XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 16**
**28 t' April 2014 fl-5:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:10 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 15 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Audit Financial Statements 2013**

   Fuq stedina tas-Sindku l-Accountant Joe Cordina kien prezenti biex jispjega fid-dettal lill-Kunsilliera prezenti l-Audit Financial Statements 2013 biex min ikollu xi domandi jagħmilhom. Il-Kunsilliera prezenti approvaw l-Audit Financial Statments 2013.

3. **Jum l-Omm 2014**

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet suggeriment biex ghal ħarga ta' Jum l-Omm l-anzjani jmorru ħarga Malta. Il-Kunsill qabel ma dan u l-ħarga ser issir fis-7 ta' Mejju.

4. **Affarijiet Oħra**

   **a.** Is-Sindku reggha gibet l-attenzjoni li qed jitkompla x-xoghol fuq il-Ħitan tas-sejjieħ bil-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan.

   **b.** Is-Sindku issuggerixxa li Triq Gidi tigi imwuttija bil-ħaddiema tal-Gvern u bil-gaffa tagħhom ukoll. Hu kompla jgħid li jekk ikun hemm bzonn materjal biss jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan.

   **c.** Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm bzonn jinxtraw zewg bins biex jitpoggew mal-ground fejn hemm ic-cement. Il-Kunsill qabel.

   **d.** Is-Sindku gibet l-attenzjoni li peress li x-Xewkija Tigers kienu kampjonati din is-sena u ghamlu unur lir-rahal tax-Xewkija ghandu jingħatalhom tifkira zghira ta' rinoxximent fil-laqgħa annwali taghhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

   **e.** Talba mingħand Ronald Debrincat li kienet tresqet f'laqgħat ohra imma ma kienetx ittiehdet decizjoni. Ronald Debrincat kien prezenti għal laqgħa. It-talba tiegħu kienet li l-kunsill jagħti l-kunsens biex hu jixtri bicca art fl-area ta' Gokk mingħand l-ufficju tal-Lands. Is-Sindku għamel mozzjoni jekk jaqbilx il-Kunsill fuq din il-materja. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu mall-mozzjoni u dan biss dejjem jekk dan ikollu permessi meħtiega mill-awtoritajiet kompetenti u fosthom il-MEPA.

   **f.** Is-Sindku qal li saret talba biex jekk hemmx il-possibilita' li niehdu għajnuna ta' fondi mil ECO Gozo fl-area ta' Lambert hdejn is-sigar taz-zebbug perezz li m'hemmx ħitan tas-sejjieh u hemm bzonn li jinbnew biex tigi proteta l-area.

5. **Submissjoni**

*Emellishment tal-Pjazza San Gwann Battista*

Il-Kunsill fetaħ l-submissjonijiet. Kien hemm submissjoni waħda. Is-Submissjoni kienu:-Justin Zarb. Il-Kunsill ma hax decizjoni peress li kien hemm submissjoni waħda biss. Il-Kunsill tagħlab lis-Segretarja terga toħrog seħja u ser jikunsidraw xorta is-submissjoni li rcieva l-Kunsill mingħand Justin Zarb meta jidhlu aktar.

**Kwotazzjonijiet**

*Supply of Cold Asphalt*

Il-Kunsill fetaħ l-kwotazzjonijiet. Kien hemm tnejn. Il-Kwotazzjonijiet kienu ta' Road Construction 76.65euro per metric ton u Gatt Tarmac Ltd 85.00 euro per metric ton. Il-Kunsill għazel l-orħos offerta.

*Patching with hot rolled asphalt on trenches of WSC*

Il-Kunsill fetah l-kwotazzjonijiet. Kien hemm waħda. Il-Kwotazzjonijiet kienu ta' Joseph Magro 50.00 euro per trench. Il-Kunsill għazel din l-offerta.

*Council Magazine Printing*

Is-Sindku gibed l-attenzjoni li hemm bzonn jibdew jigu informati r-residenti bl-attivitajiet u progetti tal-Kunsill. Hu issuggerixxa li jibda jitqassam magazine tal-Kunsill lir-residenti kollha tax-Xewkija. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma' dan u li jitqassam kull sitt xhur.

Il-Kunsill fetaħ l-kwotazzjonijiet li kienu ingabru. Kien hemm waħda. Il-Kwotazzjonijiet kienu ta' BCD 153.00 euro. Il-Kunsill għazel din l-offerta.

6. **Ilmenti u Suggerimenti**

i. Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li hemm bzonn jitħawlu ward fir-roundabout fi Triq Widnet il-Bahar. Il-Kunsill qabel ma dan.

ii. Talba biex jitneħħa l-bank ta hdejn 39, Soil Street. Il-Kunsill għandu jara fuq dan.

iii. Talba ghal bozza gdida fi Triq tal-Ħorob hdejn tas-Sigarru. Il-Kunsill qabel li jsir l-process ta' l-applikazzjoni.

iv. Suggeriment mingħand il-Kunsillier Domenic Zerafa dwar slow sign fi Triq Chev. Lorenzo Zammit Haber. Il-Kunsill qabel.

v. Suggeriment mingħand il-Kunsillier Domenic Zerafa dwar tabella *Cul de Suc* fi Triq l-Ehbiel. Il-Kunsill qabel.

vi. Suggeriment mingħand Vince Mifsud biex Triq Santa Katarina issir one way min-naħa ta' Main street. Il-kunsill ser jara jekk ir-residenti ta' din it-Triq jaqblux ma dan is-suggeriment.

vii. Il-Kunsillier George Zammit għamel suggeriment biex titneħħa z-zebra crossing li hemm fi Triq Widnet il-Baħar peress li qeda quddiem garage u titpogga post ieħor. Il-Kunsill ser jara ma TM u titpogga post ieħor.

viii. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li Triq Giourgion trid issir biz-zrar, cement jew asphalt minhabba l-ħofor kbar li hemm. Il-Kunsill qabel li jsir li hemm bzonn f'din it-triq.

ix. Ilment mingħand Anglu Spiteri biex titneħħa l-bus shelter li hemm quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Ħamrija peress li ser jirranga l-faccata u ser jaghmel garage. Il-Kunsill qabel li titpogga f'post ieħor u ser jagħmel kuntatt mal-perit tar-resident rigward il-permessi tal-bini.

x. Ilment mingħand Jesmond Camilleri rigward periklu tal-madum li inqala minn postu u qed jigi jaqta' fil-blokki ta' l-area tal-Ħamrija. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

xi. Suggeriment mingħand Jeffrey Farrugia dwar loading and unloading quddiem is-supermarket fi Pjazza San Gwann il-Battista. Il-Kunsill għandu jagħmel talba lil TM dwar dan.

xii. Suggeriment mingħand Carmel Xuereb dwar loading and unloading quddiem is-supermarket tiegħu fi Triq l-Imgarr. Il-Kunsill għandu jagħmel talba lil TM dwar dan.

xiii. Suggeriment mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard biex jinbiddlu l-bankijiet ta' Vjal il-Labour mal-bankijiet ta' Widnet il-Bahar. Il-Kunsill qabel.

xiv. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm bzonn jinxtara gijzer zghir u issir xi maitenance zgħir fl-ufficcju tal-kunsill. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan.

xv. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuggerit li bicca mit-triq tal-Wasteserve issir bil-konkos. Il-Kunsill qabel ma dan.

xvi. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni regghet fuq story telling fil-librerija bhal ma ga qed issiru f'kunsilli ohra. Dawn jigu organizzati mill-FES. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt magħhom u tigbor l-informazzjoni. Il-Kunsill qabel li jsiru.

xvii. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li fil-granet li gejjin ser tinħareg it-tender tal-latrina pubblika taħt l-iskema tal-Mizura 313. Hu kompla jgħid li perezz li l-kunsill għadu ma irciviex l-permess tal-MEPA ser tinħareg it-tender subject to MEPA permit peress li hemm time frame. Il-Kunsill qabel li tinħareg.

xviii. Is-Sindku infurma li peress li l-WSC qed jagħmlu xoghol ta' main gdid fi Triq Sansun u ser tkopri wisgħa ta' metru ta' tarmak. Hu kompla jgħid li minħabba t-trenching tal-main naraw hux possibli wara li issir stima mill-perit biex titranga t-triq kollha li jifdal.

XEWKIJA

7. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza

i. Ittra mingħand id-dipartiment ghal Gvern Lokali rigward il-Haddiem Martin Grima. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni imbasta jintbgħad ħaddiem iehor minfloku.

ii. Ittra mingħand il-GAGF rigward Measure 413.2 Landscaping li l-applikazzjoni ma gietx accettata. Is-Sindku qal li ser tinħareg fil-vicin applikazzjoni oħra li ser tkun 80% u 20% co-financing. Hu kompla jgħid li kif kienet ta' qabel l-applikazzjoni il-kunsill kellu joħrog co-financing ta' 50% u l-Kunsill mhux f'dik il-pozizzjoni. Il-Kunsillier Domnic Zerafa qal li jekk ikun ser isir xi progett hemmhekk irid jitranga l-ewwel l-ħajt. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li peress li hemm il-ħajt tat-triq għoli xi sular jew aktar u jinsab ħazin ħafna saret talba lil Ministeru għal Għawdex flimkien mad-direttur tax-xogħol Anglu Portelli fejn gew infurmati biex jagħtu attenzjoni b'mod urgenti peress li hu perikoluz għall-pubbliku u dawk li jgħaddu bil-vettura. Din il-materja rigward l-applikazzjoni ser tigi trattata fil-laqgħa li jmis.

iii. Memo 25/2013 fuq skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014.

iv. Ittra mingħand id-dipartiment għal Gvern Lokali fuq Life Long Learning. Il-Kunsilliera prezenti qablu li din is-sena dawn il-korsijiet ma jsirux.

v. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal-Gvern lokali fuq rapport dwar ġemellaġġi.

vi. Ittra mingħand il-MEPA fuq il-passagg fi Ġnien ta' Blankas.

vii. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern lokali dwar l-iskema aċċessibilta' aħjar.

viii. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern lokali dwar l-iskema A + Aċċessibilta aħjar. Il-kunsill qabel li ghandu japplika fuq din l-applikazzjoni għal Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

ix. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Propjeta tal-Gvern dwar no objection ta' change of use of rural structure to interpretation centre.

x. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Propjeta tal-Gvern dwar no objection fuq Triq tal-Ħorob.

xi. Applikazzjoni tal-Under 17 Championship mingħand Malta Football Association. Il-Kunsill bagħat kopja lill-għaqdiet kollha tax-Xewkija. Il-Kunsill ircieva applikazzjoni mingħand ix-Xewkija Tigers FC.

xii. Ittra mingħand Wasteserve rigward biex jagħmlu stand ta' informazzjoni fuq l-immanigjar tal-iskart lill-pubbliku. Il-Kunsill ser jitlobhom jigu ghal-Fiori d'Argenta.

xiii. Ittra mingħand Agenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar estensjoni fuq Miżura 313.

xiv. Ittra mingħand il-Gozo College Xewkija Primary fuq il-pakkett edukattiv. Il-Kunsilliera prezenti qablu mal-pakkett edukattiv.

xv. Ittra mingħand il-Perit Lino Bianco dwar site fi Triq it-Tessuti.

xvi. Ittra mingħand Socjeta Filarmonika Prekursur dwar ħarga kulturali ghal-istudenti tal-banda bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

XEWKIJA

xvii. Ittra mingħand Socjeta Filarmonika Prekursur għal reklam fuq il-ktieb tal-festa. Il-Kunsill qabel.
xviii. Ittra mingħand Ozone dwar il-Kumpaniji li hemm maghhom. Il-Kunsill Qabel li jaqleb i-linja tat-telephone magħhom.
xix. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar attendenzi tal-ħaddiema ex-WSC.
xx. Ittra mingħand yellow pages dwar servizzi.
xxi. Ittra mingħand GUG Gozo dwar avviz fuq il-magazine 'Gozo Week'. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.
xxii. Ittra mingħand il-MEPA dwar il-Girna fi Gnien ta' Blankas.
xxiii. Ittra mingħand il-MEPA dwar l-installazzjoni tal-war victims memorials.
xxiv. Ittra mingħand il-MEPA dwar Triq tal-Ħorob.
xxv. Ittra mingħand Green Pak dwar l-iskart riċikabbli. Il-Kunsill ser jara rigward it-talba mil Green Pak fuq Bye Law.
xxvi. Ittra mingħand Kumitat Zghazagh Brijuzi Xewkin dwar permess biex issir ikla fi Gnien ta' Blankas. Il-Kunsill qabel.
xxvii. Ittra mingħand il-Mepa fuq passagg fi Ġnien ta' Blankas.
xxviii. Ittra mingħand il-Board ta' Governanza Lokali dwar twissija Formali.
xxix. Ittra mingħand Skola Primarja x-Xewkija dwar suggeriment biex tingħalaq Triq il-Ħamrija.
xxx. Ittra mingħand Għaqda Armar Xewkija dwar permess biex jiehdu supply tad-dawl minn tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.
xxxi. Ittra mingħand il-Mepa fuq utilizazzjoni tal-Urban Improvement Funds.
xxxii. Ittra mingħand l-Iskola Primarja x-Xewkija dwar attivita' ta' tindif mit-tfal fi Ġnien ta' Blankas.
xxxiii. Ittra mingħand Dipartiment tal-Kummerc dwar Premju Nazzjonali għal Appogg lill-Intrapriza.
xxxiv. Ittra mingħand Greenpak dwar ir-rapport annwali.
xxxv. Ittra mingħand LCA dwar seminar fuq ir-reinstatment tat-toroq.
xxxvi. Memo 11/2014 fuq migrazzjoni għall-akkwist elettroniku.
xxxvii. Memo 9/2014 Applowdjar ta dokumenti fuq sit tal-gov.
xxxviii. Memo 8/2014 Protokoll tal-Bnadar fil-festi nazzjonali.
xxxix. Ittra minngħand MFIN dwar *late payment directives*.
xl. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Stedina għal Laqgħa Pubblika.
xli. Ittra mingħand Regjun Ghawdex dwar rapport tal-vizta ufficjali gewwa l-Emilia Romagna.
xlii. Ittra mingħand Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti dwar attivitajiet li jirrigwardjaw annimali.
xliii. Mistoqsija Parlamentari nru 9084.
xliv. Ittra mingħand LCA fuq il-qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024.
xlv. Ittra mingħand LCA dwar Cirkulari AGL 21/2014.
xlvi. Ittra mingħand LCA dwar Cirk 23/2014.
xlvii. Ittra mingħand LCA dwar Laqgha għas-Sindki Cir12/2014.

xlviii. Ittra mingħand LCA dwar Cirk 10/2014 Invitation –Launch of Project- A Partnership for creative Governance.

xlix. Ittra mingħand is-Surmast Frank Tabone fuq stedina għall-Jum iċ-Ċelebrazzjoni.

l. Ittra mingħand Ansek fuq Memo 6/2014.

li. Ittra mingħand Schemes Unit fuq dwar għotja għal vetturi li kienu reġistrati minn Mejju 2004 sa Diċembru 2008.

lii. Ittra mingħand Vote 16 dwar Ambaxxaturi minn barra l-lokalita.

liii. Memo 7/2014 dwar Allegati ingustizzji biex jitressqu quddiem il-Grievances Unit.

liv. Ittra mingħand emcare dwar laqgħa fuq it-telecare.

*lv.* Ittra mingħand Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Cirk 18/2014 – *Social Work Services to older persons(60-Plus) form local Councils.*

lvi. Mistoqsija Parlamentari nru 8369.

lvii. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern lokali dwar Capital Vote 7237.

lviii. Ittra minghand DataByte dwar program gdid ghal Kunsilli Lokali - WASP Payroll Solution. Il-Kunsill qabel li dan il-program jigi installat.

lix. Ittra mis-Socjeta Filarmonika Prekursur dwar kollaborazzjoni mal-Kunsill fil-Programm muzikali ta' ħdejn il-Kazin it-Tlieta tal-Festa u dwar kollaborazzjoni ta' banda Ingliza- Eynsford Concert Band. Il-Kunsill qabel li jidħol b'kollaborazzjoni magħhom f'dawn l-attivitajiet.

lx. Ittra mingħand il-Kumitat tat-Tigrija tax-Xewkija dwar kollaborazzjoni mal-Kunsill fit-tigrija tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li inħallsu l-insurance bħas snin l-imgħoddija.

lxi. Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni u stampi ghal cupboards ta'storage fil-librerija mingħand il-librarian. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw.

lxii. Ittra mingħand Joe Louis dwar Gioci Senza frontieri gewwa x-Xewkija. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

lxiii. Il-Kunsill ircieva ittra mingħand l-iskola Primarja tax-Xewkija dwar servizz ta' minibus għat-tfal tax-Xewkija. Is-sindku informa lil kunsill li hemm studenti li ma għandhomx min iwassalhom l-iskola. Il-Kunsilliera qablu li s-Segretarja tara ma irħula ohrajn kif tinhadem is-sistema tagħhom tal-minibus biex naraw jekk ikunx hemm domanda għalija. Il-Kunsill qabel li biex iħajjru tfal jattendu l-iskola tax-Xewkija din tkun inizjattiva tajba.

## 8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill qabel li l-kontijiet tal-kera tal-photocopier u tal-Arms ma jitgħaddewx mil-laqgħa u jithallsu kull xahar fi zmien stipulut.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitħallas il-kont pendenti ta' kera għall-gnien u playing field fi Triq il-Ħamrija, Ix-Xewkija. Il-Kunsill tagħlab lis-Segretarja biex tara jistax issir nofs il-pagament u n-nofs l-iehor fix-xhur li gejjien. Is-Segretarja għandha tara magħhom.

XEWKIJA

Il-Kunsilliera prezenti qablu li jitħallas 50,000 euro fuq il-kont tal-kuntrattur tal-PPP.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

9. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa giet aggornata fid-8:45 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |